MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru. 38/2001
Kawza Numru. 1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Sandro Costa Brazilino**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra Sandro Costa Brazilino, ta' nazzjonalita Braziljana, ta' 24 sena, bin Lazaro u Ana Costa Pereira, imwieled San Paolo, Brazil fis-7 ta' Marzu, 1977, Passapoprt Braziljan Numru CL 200770, kif riportata a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

"... talli matul ix-xahar ta' Settembru, Ottubru u Novembru, 2001 f'Ghawdex, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

A) ikkommmetta serq ta' servizz telefoniku, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija, liema serq sar ghad-detriment tal-Kumpanija Maltacom plc u diversi persuni ohra;

B) kif ukoll fuq talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni , fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'Ghawdex, ipprovda servizz ta' telekomunikazzjonijiet jew installa jew haddem infrastruttura ta' installazzjoni jew apparat tat-telekomunikazzjonijiet minghjar awtorizazzjoni taht u skond xi disposizzjoni tal-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jew bi vjolazzjoni jew ksur ta' xi patt, kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti minn jew taht l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jew fl-istrument li jkun fih l-awtoriazzazzjoni.

C) Kif ukoll fuq tal-ba tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazjoni fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'Ghawdex biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda, installa jew uza xi installazzjoni jew apparat li ma jkunx konformi ma' dawk l-istandards teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabilliti minn jew taht l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni jew li kien taf jew kellu raguni valida ghaliex jobsor li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizz li jkunu nbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom;

D) Kif ukoll fuq talba tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'Ghawdex uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikaszzjoni provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih tkun giet provduta jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu sew ta' infrastruttura tat-telekomunikazzjonijijet jew taghmir jew ghamel uzu minn mhux sew;

E) Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'Ghawdex volontarjament qata, kisser, waqqa, iddistrugga, ghamel hsara jew nehha batterija, makkinarju, fil-, gumma, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fili, jew li tkun uzata jew li sservi f'dan it-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamel

xi haga li zzomm few fixkel b’xi mod iehor foil-moghdija minn banda ghal ohra ta’ messagg;

Nakkuzawh ukoll talli f’dawn il-Gzejjer matul l-ahhar xhur u cioe’ mis-26 ta’ Awissu, 2001 minghajr ma nghata permess ta’ residenzea, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita mil-Ligi tiddikjara llill-imsemmi Sandro Costa Brazilino bhala immigrant ippprojbit u tohrog Ordni ta’ Tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-13 ta’ Novembru tal-2002 fejn iddecieda skond l-artikolu 370 (3) (a) tal-Kap 9 sabiex jibghat lill-imputat biex ikun iggudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm mahsub fl-artikoli 39 (1) (9) (b) (d) u (2) tal-Kap 399, 5(1), 14 u 15 tal-Kap 217, 18, 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 31, 17(b)(h), 20, 22,23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2002 fejn l-imputat rregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba ghal-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti jirrizulta illi l-imputat kien ghamel diversi telefonati destinati barra minn Malta u senjatament lejn il-Brazil. Dawn it-telefonati kien ghamilhom minn fuq linji tat-telefon ta’ terzi billi qaxxar il-wires esterni li jissuplixxu lill-abbonati in kwistjoni, qabbad apparat tat-telfon tieghu u b’hekk ottjena komunikazzjoni li biha ghamel dawn it-telefonat. L-abbonati msemmija fl-atti tal-kawza kienu ghamlu ilment mal-Kumpanija Maltacom illi kienu ircevew kontijiet esagerati. Wiehed mill-abbonati kien ilmenta illi kien ircieva kont ta’ ‘l fuq minn erba mitt lira meta qabel kien ikollu kontijiet ta’ cirka hames liri biss.

Illi ghalhekk saru investigazzjonijiet mill-Maltacom li malli indunat x'kien gara ghamlet rapport lill-Pulizija. Mill-indagini li ghamlet il-Pulizija irrizulta illi l-kontijiet esagerati kienu rizultat ta' telefonati diretti lejn il-Brazil. Dawn l-indagini waslu biex kien skopert l-imputat li kien irrilaxxja stqarrija esebita f'dawn l-atti fejn kien ammetta li kien l-awtur ta' dawk it-telefonati.

Irrizulta illi l-imputat kien ghamel b'kemm jiswew Lm1776.52 f'telefonati diretti dejjem lejn il-Brazil u dan ghad-dannu tal-Kumpanija Maltacom kif ukol diversi persuni ohra.

Mill-atti processwali l-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ippruvat il-konnessjoni bejn l-imputat u r-rejat almenu kwantu l-ewwel akkuza li tirrigward is-serq aggravat bil-mezz, hin u valur. Dan ma jistax jinghad, izda, dwar l-akkuzi l-ohra u cioe dawk ravvizati fl-artikoli 39 (1) (a) (b) (d) u (2) tal-Kap 399. Minn ezami tal-akkuzi hawn fuq indikati huwa car illi l-imputat ma ghamel xejn minn dak lilu adebitat peress illi huwa qabbad telefon regolari ma linja tat-telefon ta' terzi u ciononostante ma sar ebda ksur tal-provvedimenti kif fuq imsemmija. Fix-xhieda tieghu l-avukat tal-kumpanija Maltacom ukoll irrimarka li l-Maltacom ma kienetx harget "letter to prosecute" izda kienet harget "letter of consent". Inoltre l-istess xhud in rapprezentanza tal-Maltacom wera thassib fejn tidhol il-Maltacom f'dan kollu. U dan bir-ragun ghaliex l-imputat ma ghamel l-ebda hsarat fl-appart tal-Maltacom u dak li ghamel huwa dak ravvizat fl-artikolu 298 A tal-Kap 9 li jghid:

**298A.** Kull min jibni, jibdel, jaghmel, jippossjedi, ibiegh jew jixtri xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni, ghandu, meta jinsab hati, jehel-

artikolu li hu ma kienx akkuzat bih.

Jirrizulta ukoll illi l-imputat kien jinsab Ghawdex wara li skadietlu l-viza biex jidhol f'Malta li kienet tintitolah joqghod hawn sas-26 ta' Awissu, 2001. (ara passaport esebit).

Ghal dawn il-mottivi, issib lil-impuat hati tal-ewwel u l-ahhar akkuza. Ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u minnhom tilliberah.

Wara li rat l-artikoli 5(1), 14 u 15 tal-Kap 217 9KIF VIGENTI QABEL L-Att XXIII tal-2002, 18, 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 31, 17(b)(h), 20, 22,23 u tal-Kodici Kriminali;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat.

Wara li hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda mressqa mid-difiza dwar il-karattru tal-imputat.

Tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien tlett snin mil-lum ai termini tal-artkolu 22 tal-kap 446.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghat-tkeccija mill-pajjiz stante illi dan il-poter ghadda f'idejn il-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni wara li gie fis-sehh l-Att XXIII dwar l-Immigrazzjoni 2002.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------